



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8881/21

COMPET 369
TOUR 36

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Mejju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8475/21	
Suġġett:	It-Turiżmu fl-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin: sostenibbli, reżiljenti, diġitali, globali u soċjali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fis-27/05/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Turiżmu fl-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin: sostenibbli, reżiljenti, diġitali, globali u soċjali, adottati mill-Kunsill fit-3797 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Mejju 2021.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL dwar IT-TURIŻMU FL-EWROPA
GĦALL-GĦAXAR SNIN LI ĠEJJIN: SOSTENIBBLI, REŻILJENTI,
DIĠITALI, GLOBALI U SOĊJALI**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

- Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 195 tiegħu,
- Bil-konsiderazzjoni dovuta għall-isferi rispettivi ta' kompetenza tal-Istati Membri u l-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,
- Filwaqt li jfakkar l-importanza tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi, kif stabbilit fit-Trattati,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA

- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" ta' Ġunju 2010¹ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2010 dwar din il-komunikazzjoni²;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu bħala promotur tat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE għall-għaxar snin li ġejjin" tas-27 ta' Mejju 2019³;
- Il-komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" tal-11 ta' Diċembru 2019⁴ u dwar "Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli - Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew" tal-14 ta' Jannar 2020⁵;

¹ 11883/10

² 14944/10

³ 9707/19

⁴ 15051/19 u 15051/19 ADD1

⁵ 5269/20

- Il-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" tal-10 ta' Marzu 2020, li introduċiet l-approċċ tal-ekosistemi industrijali, li wieħed minnhom huwa l-ekosistema tat-turiżmu, u l-aġġornament tagħha tal-5 ta' Mejju 2021⁶, kif ukoll "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" tas-27 ta' Mejju 2020 u "Strateġija Ewropea għad-data" tad-19 ta' Frar 2020 u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza tal-1 ta' Lulju 2020;
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "It-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn"⁷ u l-pakkett relatat tat-Turiżmu u t-Trasport tat-13 ta' Mejju 2020, ir-"Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-trasport u t-turiżmu fl-2020 u lil hinn" tad-19 ta' Ġunju 2020⁸, ir-"Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli" tal-25 ta' Marzu 2021⁹ u l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa" tad-9 ta' Ġunju 2020¹⁰;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" tad-9 ta' Marzu 2021¹¹;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appfondiment tas-suq uniku tal-UE għal irkupru qawwi u Ewropa kompetittiva u sostenibbli tal-21 ta' Settembru 2020¹²;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva" tas-16 ta' Novembru 2020¹³;

⁶ COM(2021) 350 finali

⁷ 8674/20

⁸ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0169_MT.html

⁹ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0109_MT.pdf

¹⁰ 8711/20

¹¹ 6974/1/21

¹² 10698/20

¹³ 13004/20

- L-aġenda 2030 għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Ftehim ta' Pariġi ratifikat fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;

FILWAQT LI JQIS li:

- it-turiżmu huwa attività ekonomika u soċjali trażversali b'impatt wiesa' fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjigi u l-iżvilupp sostenibbli soċjali u ambjentali tar-reġjuni, li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-valuri u l-wirt kulturali Ewropej;
- l-ekosistema tat-turiżmu timpjega madwar 20.3 miljun persuna fl-UE, u li fl-2019, l-ewwel sena qabel l-impatt qawwi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija, kienet tammonta għal 9.5 % tal-PDG tal-UE, b'valur ta' 7 % tal-esportazzjonijiet globali tal-UE. Bid-dħul ta' xi sottosetturi li matul il-pandemija naqas b'sa 80 % tal-valur nett u madwar 11-il miljun impjieg fl-UE diġà ġew affettwati fl-ekosistema tat-turiżmu fl-2020¹⁴;
- minħabba l-kriżi tal-COVID-19, l-ekosistema tat-turiżmu għandha l-ogħla ħtiġijiet ta' investiment fost l-14-il ekosistema industrijali definiti mill-Kummissjoni Ewropea u l-indikatur tal-fiduċja l-aktar baxx;
- il-ktajjen tal-valur fl-ekosistema tat-turiżmu huma kumplessi. It-turiżmu huwa essenzjalment attività orizzontali li tiddependi fuq u tinfluwenza diversi setturi u s-suċċess tal-industrija tat-turiżmu jinsab fis-sinerġiji u l-interazzjoni soda bejniethom. It-tfixkil tul il-ktajjen tal-valur jista' jwassal għal telf sinifikanti għall-partijiet ikkonċernati kollha;

¹⁴ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa, SWD (2020) 98: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/assessment_of_economic_and_investment_needs.pdf

- e) il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 jipprovdu okkażjoni biex l-UE tiskambja prattiki tajbin u ssaħħa il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qafas ta' Aġenda Ewropea futura għat-Turiżmu;
- f) it-turiżmu u l-ivvjaġġar jeħtieġu informazzjoni trasparenti u kriterji ċari dwar il-kondizzjonijiet u l-mobbiltà transfruntiera kif ukoll għodod diġitali u interoperabbli xierqa biex jiffaċilitaw il-mobbiltà sabiex il-vjaġġaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, li jippermettu lill-industrija tadatta u timplimenta miżuri konformi, b'mod partikolari matul kriżijiet tas-saħħa;
- g) il-partijiet ikkonċernati u l-atturi rilevanti kollha tal-ekosistema tat-turiżmu fil-livelli kollha għandhom jimpenjaw ruħhom biex jaċċelleraw u jimplimentaw il-miżuri u l-azzjonijiet li jagħmlu l-ekosistema aktar sostenibbli u jnaqqsu l-impatt ambjentali tagħha;
- h) wara l-pandemija tal-COVID-19, il-konsumaturi, kif ukoll il-ġenerazzjonijiet futuri, jista' jkollhom approċċ differenti għall-esperjenza tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu u n-naħa tal-provvista tista' taġixxi bħala promotur tal-bidliet antiċipati fil-konsum u tippromwovi b'mod attiv imġiba aktar sostenibbli min-naħa tad-domanda;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni regolari u skambji tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri dwar politiki tat-turiżmu sostenibbli u responsabbli. Dan huwa ta' rilevanza partikolari biex tinbena r-reżiljenza u tiġi żgurata l-aġilità fil-kuntest tal-ġestjoni futura tal-kriżijiet.
2. JENFASIZZA l-kontribut pożittiv tat-turiżmu sostenibbli u responsabbli, li jirrispetta r-riżorsi u l-valuri naturali, soċjali u kulturali u l-benesseri tal-komunitajiet lokali, b'mod partikolari dawk f'żoni inqas żviluppati, dawk li għaddejjin minn bidliet strutturali u żoni remoti bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

3. IHEĠĠĠ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jersqu lejn rispons kollettiv u kkoordinat tajjeb għall-pandemija attwali u kriżijiet futuri possibbli (pandemija jew mod ieħor) b'approċċ koeżiv komuni, kooperazzjoni u koordinazzjoni approfonditi, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp ta' standards volontarji għall-protokolli tas-saħħa u s-sikurezza għas-servizzi u l-istabbilimenti tat-turiżmu.
4. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal Suq Uniku tal-UE li jiffunzjona tajjeb, b'saħħtu u reżiljenti għall-iżvilupp u l-promozzjoni tat-turiżmu.
5. JENFASIZZA l-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-potenzjal tal-SMEs u l-mikrointrapriżi tas-settur turistiku bħala promoturi għall-konverġenza soċjali u ekonomika li jikkontribwixxu għal żvilupp reġjonali bbilanċjat u l-ħolqien tal-impjiegi.
6. JENFASIZZA l-importanza ta' edukazzjoni u żvilupp tal-ħiliet ta' kwalità, b'enfasi fuq iż-żgħażaġh u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, mingħajr ma jiġu traskurati l-proċessi u r-riżorsi tat-tagħlim tul il-ħajja; jinkoraġġixxi l-iskambji ta' studenti u professjonali kif ukoll il-kisba ta' taħriġ, kompetenzi u ħiliet diġitali minn professjonisti tat-turiżmu fil-livelli kollha, fejn il-ħidma li għaddejja lejn Patt għall-Ħiliet fit-turiżmu għandha tkompli tiġi segwita permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati.
7. JIDENTIFIKA t-turiżmu bħala waħda mill-ekosistemi industrijali fejn huma meħtieġa aktar miżuri biex jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja u l-iżvilupp, it-titjib u l-promozzjoni ta' prodotti u servizzi turistiċi b'kunsiderazzjoni xierqa għat-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà: ekonomika, soċjali u ambjentali. Dawk jinkludu t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jittejjbu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma biex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali, jiġi rispettati il-wirt kulturali, l-oportunitajiet ġodda ta' xogħol, il-kostruzzjoni sostenibbli u l-modernizzazzjoni tat-turiżmu u tal-infrastruttura pubblika, tat-trasport, tat-trasformazzjoni diġitali, tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll prodotti u servizzi finanzjarji innovattivi.

8. JIRRIKONOXXI li t-turiżmu tal-bliet, l-ivvjaġġar fuq xogħol, is-settur tal-avvenimenti u l-industrija tal-Laqgħat, l-Inċentivi, il-Konvenzjonijiet u l-Esibizzjonijiet (MICE) huma parti dejjem aktar importanti tal-ekosistema tat-turiżmu; il-futur ta' dawn is-setturi u s-setturi l-oħra kollha jeħtieġ li jkunu parti minn Aġenda tal-UE għat-Turiżmu fuq terminu medju u twil.
9. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki u strateġiji tat-turiżmu sostenibbli, responsabbli u reżiljenti, ibbażati fuq evidenza soda u fuq il-monitoraġġ tal-impatt fuq il-livelli globali, nazzjonali u reġjonali, inkluż dwar:
- a) l-ispinta lejn turiżmu u mgħiba kummerċjali sostenibbli u responsabbli;
 - b) it-titjib tal-konnettività u l-ivvjaġġar multimodali sostenibbli, filwaqt li jitqiesu ż-żoni transfruntiera, rurali, insulari, periferiċi u depopolati, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi;
 - c) il-promozzjoni tat-turiżmu kostali u marittimu sostenibbli bħala parti mill-ekosistema tat-turiżmu u tal-ekonomija blu, u l-funzjonament b'suċċess tagħhom jiddependi fuq l-ambjent marittimu b'saħħtu u kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati tas-settur marittimu;
 - d) il-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, id-diġitalizzazzjoni, l-ICT u l-kondiviżjoni tad-data biex itejbu l-prestazzjoni tan-negozji tat-turiżmu, il-valur tad-destinazzjonijiet turistiċi, jifhmu u jissodisfaw il-ħtiġijiet dejjem jikbru u emerġenti tal-konsumaturi tat-turiżmu u jadattaw għall-użi u l-prattiki tagħhom, jarrikkixxu l-esperjenza turistika minn tarf sa tarf, itejbu l-ippjanar tal-iżvilupp tat-turiżmu u l-ġestjoni intelliġenti tal-flussi tat-turiżmu, kif ukoll jipprovdu vjaġġar mingħajr xkiel, komunikazzjoni aktar faċli u żvilupp tat-turiżmu integrat;
 - e) l-inkoraġġiment ta' djalogu madwar l-Ewropa kollha u l-iskambju tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċi innovattivi, inkluż fit-turiżmu intelliġenti, għall-ġestjoni bbilanċjata tal-flussi tat-turiżmu li qed jikbru lejn destinazzjonijiet Ewropej.

10. JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri jikkondividu l-viżjoni, l-ideat u l-proġetti potenzjali tagħhom dwar kif l-ekosistema tat-turiżmu tista' tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030, u f'konformità mal-prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta, billi jimplimentaw strumenti innovattivi biex jimmodernizzaw il-mudelli tan-negozju tat-turiżmu u l-ġestjoni tad-destinazzjonijiet u jieħdu passi ulterjuri fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni, aktar effiċjenza fir-riżorsi u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fit-turiżmu.
11. JENFASIZZA l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali tat-turiżmu u li t-turiżmu jista' jkollu rwol rilevanti fis-Suq Uniku Diġitali tal-UE u l-inizjattivi dwar l-ispazji komuni Ewropej tad-Data, bħall-Intelliġenza Artifiċjali u kwistjonijiet dwar il-big data, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għad-Data, u li jiġi żgurat li n-network ta' Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet ta' diġitalizzazzjoni tal-SMEs relatati mat-turiżmu.
12. JIŻGURA li l-UE tidentifika u tagħmel użu intelliġenti mill-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u Next Generation EU, sabiex tappoġġa l-irkupru fuq żmien qasir, medju u twil tal-ekosistema tat-turiżmu u tagħmilha aktar reżiljenti u tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha.
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'parteċipazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex ifasslu Aġenda Ewropea għad-Turiżmu 2030/2050, imsejsa fuq prijoritajiet u pjanijiet ta' azzjoni kondiviżi, filwaqt li jirrikonoxxu d-differenzi bejn l-Istati Membri, abbażi ta' previżjoni li tindirizza l-isfidi strateġiċi ewlenin biex jippromwovu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekosistema tat-turiżmu u jsaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħha biex jippreżentaw l-ewwel deskrizzjoni tal-Aġenda sa tmiem l-2021.

14. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex:

- i) tirrifletti t-turiżmu fil-politiki rilevanti tal-UE u tiżgura li dawn jinkoraġġixxu b'mod koerenti turiżmu sostenibbli u responsabbli fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, ir-riżorsi u l-valuri naturali u kulturali u l-komunitajiet lokali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja u għall-valur miżjud reġjonali;
- ii) tniedi malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn Settembru 2021, ħarsa ġenerali komprensiva tas-sorsi attwali ta' finanzjament għat-turiżmu fil-QFP 2021-2027 u n-"Next Generation EU" biex tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni għall-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati;
- iii) tapplika l-approċċ tal-ekosistema industrijali tagħha għat-turiżmu u tiżviluppa flimkien mal-Istati Membri approċċ speċifiku fi ħdan il-qafas eżistenti li jappoġġa l-ekosistema tat-turiżmu, b'mod partikolari l-SMEs, u d-destinazzjonijiet fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħhom, malajr kemm jista' jkun;
- iv) sabiex l-Ewropa tinżamm bħala d-destinazzjoni turistica ewlenija fid-dinja f'termini ta' valur, kwalità, sostenibbiltà u innovazzjoni, taħdem mal-Istati Membri, id-destinazzjonijiet, l-industrija u l-partijiet ikkonċernati biex tniedi għodod ġodda biex tħeġġeġ lid-destinazzjonijiet Ewropej jadottaw approċċ aktar intelliġenti, infurmat u sostenibbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tat-turiżmu bbażat fuq ix-xejriet tal-konsumaturi, il-monitoraġġ dinamiku u l-indikaturi;
- v) taħdem mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex tfassal b'mod konġunt Dashboard tat-Turiżmu tal-UE, bħala għodda ewlenija tal-UE għall-ekosistema tat-turiżmu. Għal dan il-għan, JISTIENEN lill-Kummissjoni biex taħdem mal-esperti tal-Istati Membri biex tippreżenta l-ewwel deskrizzjoni sa tmiem l-2021.